MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2006

Appell Kriminali Numru. 71/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandro Gatt)**
**Vs**

**John Bonnici**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, fis-6 ta' Marzu, 1998 u matul l-ahhar xahar,
1) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li

jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija kienet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli 1939 dwar il-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

2) fl-istess data w cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza w dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3) fit-13 ta' Frar, 1997 u matul l-ahhar hames snin qabel din id-data, forna jew ipprokura jew offra li jforni li jipprokura d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xorta awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga w dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati w bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) fit-13 ta' Frar, 1997 u matul l-ahhar hames snin qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond

id-disposizzjonijiet tar-Raba' w is-Sitt Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu w naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati, w bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Frar, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 17(b), 17(h) u 18 tal-Kap. 9, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) tal-Kap. 101 kif ukoll ir-regolament 9 tal-G.N. 292/1939, sabet lill-appellant hati tal-erba' imputazzjonijiet bir-raba wahda assorbita fit-tielet wahda w ikkundannatu ghall-piena karcerarja ta' tmien (8) xhur u ghall-hlas ta' multa ta' erba' mitt lira Maltija (LM400).

Ai termini tal-artikolu 533, il-Qorti ordnat lill-appellant ihallas l-ispejjez tal-espert mahtur li jammontaw ghal tlieta w tletin lira Maltija w hamsa w ghoxrin centezmu (LM33.25c).

Il-Qorti ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta' Marzu, 2006, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni kif ukoll tat-tieni pero' biss in kwantu ghal dak li jirrigwarda l-pussess (semplici) tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis u tirrevoka dik il-parti fejn sabitu hati tal-kwalifika tat-tieni imputazzjoni w cioe' li l-pussess tar-raza tal-cannabis kien wiehed f'cirkostanzi li kienu juru li dik id-droga ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu kif ukoll fejn sabitu hati tat-tielet u r-raba' imputazzjoni bl-assorbiment tar-raba' fit-tielet u

minnhom tilliberah kif ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal tmien xhur prigunerija w erbgha mitt lira multa w minflok tbiddel il-piena nflitta billi timponi piena aktar gusta w idoneja ghall-kaz.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- 1. Ii l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni erronjament. L-appellant qatt ma kkontesta l-htija ghall-pussess semplici tar-raza tal-cannabis misjuba fuq il-persuna tieghu. Li jikkontesta hu l-pussess aggravat. Minkejja li l-Ewwel Qorti donnha esprimiet ruha favur il-pozizzjoini tal-appellant a fol.8 tas-sentenza, fid-*decide* l-appellant xorta wahda gie dikjarat hati tal-pussess aggravat u dan minnkejja li din il-kwalifika ma rrizultat b' ebda mod. 2. Illi s-sejbien ta' htija dwar it-tielet u r-raba' imputazzjoni kien wiehed irragjonevoli w gravuz ghaliex mhux sorrett sufficjentement minn provi cari w univoci. Das-sejbien ta' htija hu bazat fuq dak li xehed Christopher Borg quddiem il-Qorti Kriminali fil-kawza ta' Borg stess u dak li xehed f' din il-kawza quddiem l-Ewwel Qorti. Dawn iz-zewg depozizzjonijiet jinsabu kontradetti mix-xhieda tal-appellant kif ukoll mill-provi indizjarji konsistenti fix-xhieda tax-xhud Edgar Urpani, prodott mid-difiza u d-dokumenti konsistenti fil-lista tax-xhieda li l-istess Borg kien ipprezenta fil-kawza tieghu quddiem il-Qorti Kriminali. L-Ewwel Qorti eskludiet id-depozizzjoni tal-appellant u ta' Urpani fuq il-bazi li r-risposti minnhom moghtija kienu qosra u minn daqqiet kienu jikkonsistu f' *"le"* u *"iva".* L-Ewwel Qorti ukoll skartat bhala rrilevanti l-lista tax-xhieda fil-kawza ta' Borg, li fost hwejjeg ohra kienet tinkludi isem l-appellant bhala *"character witness"* favur l-istess Borg. Li gara kien li Borg kellu ripensament u waqt li qed jixhed u waqt li l-appellant kien qed jistenna barra biex jixhed favur l-istess Borg, dan ta depozizzjoni li tinkrimina lill-appellant u li eventwalment wasslet ghaz-zieda fl-akkuzi kontra l-appellant. F'dawn ic-cirkostanzi fejn Borg kellu kull**

**interess li johrog b'din il-verzjoni, l-Ewwel Qorti ma jmissiex skartat id-depozzizjoni tal-appellant u ffavoriet dik ta' Christopher Borg. Konsegwentement is-sejbien ta' htija tal-appellant ghandu jitqies bhala *"unsafe and unsatisfactory".***

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoini;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li d-*"decide"* ma jirriflettiex xi partijiet li jinsabu fil-motivazzjoni tas-sentenza appellata w notevolment dak li hemm a fol. 8 tal-istess sentenza fejn intqal testwalment hekk:-**

*"It-Tieni Imputazzjoni."*

***"38. L-ewwelnett il-Qorti qed tqis l-ammont sostanzjali ta' cannabis skond ix-xhieda forensika ghax din hija 'l fuq minn 57 gramma. Kif issottomettiet il-prosekuzzjoni, dan huwa ammont li mhux solitu meqjus bhala wiehed ghall-uzu personali izda wiehed pjuttost marbut ma' pussess aggravat. <u>Izda l-Qorti qed taghti l-beneficcju tad-dubju lill-imputat ghaliex fl-istqarrija qal li kien xtaraha ftit qabel ma waqqfuh is-suldati. Fil-qasir, din il-Qorti qed tqis dan il-pussess bhala wiehed serju izda mhux wiehed aggravat. Dan qed taghmlu ghax l-imputat ta spjegazzjoni li hija accettabbli fuq bazi ta' probabilita' u qed timxi ma' decizjonijiet ohra moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali dwar kazi xi ftit simili</u>."*** **(sottolinear ta' din il-Qorti.)**

**Minkejja din id-decizjoni motivata, l-Ewwel Qorti, fil-para. 47 tas-sentenza appellata, manifestament bi zball, iddikjarat li qed issib lill-appellant hati *"<u>tal-erba'</u> imputazzjonijiet"*, meta suppost ma sabitx lill-**

**appellant hati ta' pussess aggravat skond it-tieni imputazzjoni, imma biss ta' pussess semplici tar-raza tal-cannabis.**

**Ghalhekk dan l-aggravju tal-appellant jidher pjenament gustifikat u qed jigi akkolt.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti meta sabet htija fl-appellant tat-tielet u r-raba' imputazzjoni. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94;** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

**Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza** "R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-**

***"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."*** **(Ara wkoll** BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE **(1991) , p. 1392)**

**Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt", **deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-**

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…… , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament ."*

**Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar it-tielet u r-raba' imputazzjoni.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dawn iz-zewg imputazzjonijiet huma bazati fuq ix-xhieda li ta' Christopher Borg fil-kawza tieghu proprja**

**quddiem il-Qorti Kriminali li kopja awtentika tat-traskrizzjoni taghha tinsab esebita f' dan il-process kif ukoll fuq id-depozizzjoni tal-istess xhud quddiem l-Ewwel Qorti. L-Ewwel Qorti ghamlet valutazzjoni dettaljata hafna ta' din ix-xhieda w l-valur probatorju taghha kif ukoll l-attendibilita' taghha w ikkonfrontatha mad-depozizzjoni moghtija mill-appellant, fejn fis-sustanza cahad dak li xehed Borg. Hi waslet ghall-konkluzzjoni li d-depozizzjoni ta' Borg kienet aktar attendibbli minn dik tal-appellant u strahet fuqha, kif kellha kull dritt li taghmel. Ikkonkludiet ukoll li mill-*"body language"* tal-appellant waqt li kien qed iwiegeb id-domandi li kienu qed isurulu fl-*"examination in chief",* hasset li dan ma kienx qed jghid il-verita' w kwindi skartat il-versjoni tieghu w addottat dik tax-xhud tal-prosekuzzjoni Borg.**

**Illi mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata . Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux. (Ara.** "Il-Pulizija vs. Joseph Thorne" **[9.7.2003] u ohrajn).**

**Illi mbaghad l-artikolu 638 (2) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li f' kull kaz , ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar.**

**Illi indubbjament ix-xhieda li kien ta Christopher Borg quddiem il-Qorti Kriminali kienet prova ammissibbli f' dan il-process skond l-art. 30A tal-Kap.101 u skond l-artikolu 30 tal-istess Ordinanza, minkejja d-dispozizzjonijiet tas-sunbartikolu (3) tal-art. 639 tal-Kodici Kriminali, meta persuna tkun xtrat, jew xort' ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-dispozizzjonjiet ta' dik l-Ordinanza, x-xiehda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minnghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-**

medicina, m’ ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b’cirkostanzi ohra.

Ghalhekk, meta l-Ewwel Qorti ghamlet l-apprezzament tal-fatti li ghamlet dwar it-tielet u r-raba’ imputazzjoni, kienet pjenment in regola mill-lat procedurali w legali.

Illi inoltre x-xhud Edgar Urpani mhux veru li jikkorrobora lill-appellant b’ mod li jikkontradici dak li kien xehed Borg, ghaliex kif stqarr dan Urpani stess hu ma jistax jeskludi li bejn Borg u l-appellant kienu fil-fatt ghaddew drogi meta hu ma kienx ikun maghhom, u dana apparti li bil-mod kif xehed dan Urpani, l-Ewwel Qorti ddecidiet li m’ ghandhiex toqghod fuqu.

Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddiskosta ruha mill-apprezzament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti dwar it-tielet u r-raba’ imputazzjoni w kwindi ma tarax li dan l-aggravju hu gustifikat.

Illi dwar il-piena, galadarba intlaqa’ l-ewwel aggravju tal-appellant, dan ghandu jigi rifless f’ temperament fil-piena, liema temperament pero’ ma jistax ikun wiehed sostanzjali stante li l-appellant xorta wahda jrid jirrispondi ghall-htija ta’ pussess ta’ kokajina f’ okkazzjoni partikolari w traffikar tal-istess droga f’ okkazzjonijiet ohra differenti, kif ukoll stante li l-appellant kien diga instab hati ta’ pussess tad-droga kokajina f’ okkazzjoni ohra f’ Marzu, tal-2002 b’ sentenza tat-22 ta’ Mejju, 2003, apparti diversi kundanni ohra fuq reati ohra tat-traffiku.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ limitatament l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata w, fil-waqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba’ imputazzjoni, bl-assorbiment tar-raba’ imputazzjoni fit-tielet imputazzjoni, fejn ordnat lill-appellant ihallas l-ispejjez tal-espert mahtur fl-ammont ta’ Lm33.25c u fejn ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur, tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni ta’

**pussess ta’ raza tal-cannabis taht cirkostanzi tali li jindikaw li din ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu kif ukoll fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena karcerarja ta’ tmin xhur u ghall-hlas ta’ multa ta’ erba mitt lira Maltin (LM400) w minnflok issibu mhux hati tal-akkuza ta’ pussess ta’ raza tal-cannabis aggravat skond it-tieni imputazzjoni, izda hati biss ta’ pussess semplici tar-raza tal-cannabis fiz-zmien u lok indikat fit-tieni imputazzjoni w tikkundannah ghall-piena komplessiva ta’ sitt xhur prigunerija w ghall-multa ta’ tlitt mitt lira Maltin (LM300).**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------